REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 572/2012

tat-28 ta' Ġunju 2012

li jagħmel l-importazzjonijiet ta' ċertu frott taċ-ċitru ppreparat jew ippriżervat (jiġifieri l-mandolin, eċċ.) li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina suġġetti għal reġistrazzjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat is-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja ("QEĠ") tat-22 ta' Marzu 2012 fil-Kawża C-338/10,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1] ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikoli 10(4) u 14(5) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

Il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") irċeviet talba, skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku, biex tagħmel l-importazzjonijiet ta' ċertu frott taċ-ċitru ppreparat jew ippriżervat (jiġifieri l-mandolin, eċċ.) li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina suġġetti għal reġistrazzjoni.

A. **PRODOTT IKKONĊERNAT**

(1) Il-prodott ikkonċernat minn din ir-reġistrazzjoni huwa mandolin ppreparat jew ippriżervat (inklużi tanġerini u satsumi), klementini, wilkings u ibridi oħra simili taċ-ċitru, li ma fihomx spirtu miżjud, kemm jekk fihom zokkor miżjud jew xi sustanza oħra ta' ħlewwa, u kif definit taħt l-intestatura NM 2008, bħalissa jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 2008 30 55, 2008 30 75 u ex 2008 30 90 (kodiċi TARIC 2008 30 90 61, 2008 30 90 63, 2008 30 90 65, 2008 30 90 67, 2008 30 90 69) li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

B. **IS-SENTENZA TAL-QORTI**

(2) Fit-22 ta' Marzu 2012, fil-Kawża C-338/10, il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja ("QEĠ") iddikjarat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1355/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu frott taċ-ċitru ppreparat jew ippriżervat (prinċipalment il-mandolin, eċċ.) li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina [2] ("Regolament tal-anti-dumping definittiv" jew "ir-Regolament ikkontestat") invalidu.

(3) Is-sentenza tal-QEĠ kienet ibbażata fuq ir-raġuni li l-Kummissjoni ma kinitx tat l-attenzjoni kollha mistħoqqa sabiex jiġi determinat il-valur normali fuq il-bażi tal-prezz jew tal-valur kostrutt f'pajjiż terz b'ekonomija tas-suq kif previst mill-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku.

(4) Bħala konsegwenza ta' din is-sentenza, l-importazzjonijiet lejn l-Unjoni Ewropea ta' ċertu frott taċ-ċitru ppreparat jew ippriżervat (jiġifieri l-mandolin, eċċ.) ma għadhomx soġġetti għall-miżuri tal-anti-dumping imposti mir-Regolament (KE) Nru 1355/2008.

(5) Għaldaqstant, wara s-sentenza tal-QEĠ, il-Kummissjoni ddeċidiet li terġa' tiftaħ l-investigazzjoni tal-anti-dumping fir-rigward ta' importazzjonijiet ta' ċertu frott taċ-ċitru ppreparat jew ippriżervat (jiġifieri l-mandolin, eċċ.) li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, li kienet inbdiet b'konformità mar-Regolament bażiku. Il-ftuħ mill-ġdid huwa limitat fil-kamp tal-applikazzjoni tiegħu għall-implimentazzjoni tas-sejba tal-QEĠ kif imfakkar hawn fuq [3].

C. **TALBA**

(6) Wara s-sentenza tal-QEĠ, il-Federazzjoni Nazzjonali Spanjola tal-Assoċjazzjonijiet ta' Frott u Ħaxix Ipproċessat ("FENAVAL", li qabel kien jisimha "FNACV)" ("l-applikant") talbet li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat isiru suġġetti għal reġistrazzjoni skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku ħalli l-miżuri jkunu jistgħu jiġu sussegwentement applikati fuq dawk l-importazzjonijiet mid-data ta' dik ir-reġistrazzjoni.

D. **RAĠUNIJIET GĦAR-REĠISTRAZZJONI**

(7) L-applikant issottometta li d-dikjarazzjoni ta' invalidità mill-QEĠ tal-miżuri anti-dumping ikkonċernati aktar minn sena u nofs qabel l-iskadenza prevista tagħhom, għal raġunijiet oħra għajr in-nuqqas ta' dumping u l-ħsara sussegwenti, tipperikola sew il-vijabilità tagħha. F'dan ir-rigward huwa ġibed l-attenzjoni b'mod partikolari għar-riskju immedjat ta' ħażna sinifikanti ta' importazzjonijiet ikkonċernati, kif diġà kien seħħ fil-passat. Għalhekk ġiet mitluba r-reġistrazzjoni ta' dawn l-importazzjonijiet.

(8) Skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni tista', wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, titlob lill-awtoritajiet tad-dwana jieħdu l-passi meħtieġa għar-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet, sabiex il-miżuri jkunu jistgħu jiġu sussegwentement applikati fuq dawk l-importazzjonijiet mid-data ta' dik

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.
[2] ĠU L 350, 30.12.2008, p. 35.
[3] ĠU C 175, 19.6.2012, p. 19.

ir-reġistrazzjoni. L-importazzjonijiet jistgħu jsiru soġġetti għal reġistrazzjoni wara talba mill-industrija tal-Unjoni li jkun fiha biżżejjed evidenza biex tiġġustifika azzjoni bħal din.

(9) It-talba fiha biżżejjed evidenza biex ir-reġistrazzjoni tkun ġustifikata. Għandu jiġi mfakkar li l-prodott huwa staġjonali u funġibbli, li normalment jitqiegħed fil-laned u jista' jinħażen faċilment għal perjodi estensivi u ttrasportat faċilment. Dan kollu jagħmel possibbli l-ħolqien malajr ta' inventarji.

(10) Fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 642/2008, li impona dazji anti-dumping provviżorji fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat, kien diġà deskritt li, qabel l-impożizzjoni tal-miżuri anti-dumping provviżorji, importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat kienu żdiedu wkoll ħafna f'daqqa f'perjodu relattivament qasir ([1]). Għaldaqstant, il-biża' tal-applikant li terġa' sseħħ żieda fl-importazzjonijiet ladarba l-miżuri ġew misjuba li huma invalidi hija meqjusa bħala ġustifikata. Dan huwa kkorroborat minn dejta tal-istatistika mill-Istati Membri li diġà rrappurtaw żieda sinjifikanti ħafna fl-importazzjonijiet f'Marzu 2012, għal livelli għoljin id-doppju ta' dawk ta' Marzu 2011 u minn tlieta sa erba' darbiet ogħla minn kwalunkwe xahar preċedenti ieħor fl-2011 u l-2012.

(11) Is-sentenza tal-QEĠ hija limitata għad-determinazzjoni tal-valur normali fuq il-bażi tal-prezz jew il-valur kostrutt f'pajjiż terz b'ekonomija tas-suq. Għaldaqstant, l-eżistenza tal-ħsara mhijiex ikkontestata. Fit-talba tiegħu, l-applikant ġibed l-attenzjoni wkoll għal riskju immedjat ta' ħsara serja lill-industrija tal-UE minħabba li l-importaturi xorta jkunu jistgħu jaqilbu minn prodotti tal-UE għal prodotti Ċiniżi, filwaqt li jħallu lill-industrija tal-UE b'ħażniet massivi fl-imħażen tagħhom.

(12) Fid-dawl ta' dak ta' hawn fuq, huwa kkunsidrat li l-effett ta' rimedju ta' kwalunkwe dazji definittivi anti-dumping probabbilment se jkun imxejjen serjament, sakemm tali dazji ma jiġux applikati retroattivament. Għaldaqstant, il-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni f'dan il-każ ġew sodisfatti.

E. **PROĊEDURA**

(13) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li t-talba tal-applikant fiha biżżejjed evidenza biex l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat isiru soġġetti għal reġistrazzjoni, b'konformità mal-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku.

(14) Il-partijiet kollha interessati huma mistiedna jippreżentaw il-fehmiet tagħhom bil-miktub u li jipprovdu evidenza ta' sostenn. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tisma' lill-partijiet interessati, sakemm jagħmlu talba bil-miktub u juru li hemm raġunijiet partikolari għalfejn dawn għandhom jinstemgħu.

F. **REĠISTRAZZJONI**

(15) Skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku, l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat għandhom isiru soġġetti għal reġistrazzjoni sabiex jiġi żgurat li, jekk l-investigazzjoni li tkun reġgħet infetħet tirriżulta f'sejbiet li jwasslu għall-impożizzjoni mill-ġdid ta' dazji anti-dumping, dawk id-dazji jistgħu, jekk il-kundizzjonijiet meħtieġa jiġu sodisfatti, jiġu intaxxati retroattivament skont id-dispożizzjonijiet ġuridiċi applikabbli. Kull responsabilità fil-ġejjieni tiġi mis-sejbiet tal-investigazzjoni anti-dumping li tkun reġgħet infetħet.

G. **IPPROĊESSAR TA' DEJTA PERSONALI**

(16) Kwalunkwe dejta personali miġbura f'din l-investigazzjoni se tiġi ttrattata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta ([2]).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-awtoritajiet doganali huma hawnhekk ordnati, skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009, biex jieħdu l-passi xierqa sabiex jirreġistraw l-importazzjonijiet fl-Unjoni Ewropea ta' mandolin ippreparat jew ippriżervat (inklużi t-tanġerini u s-satsumi), il-klementini, il-wilkings u ibridi simili oħra taċ-ċitru li ma għandhomx spirtu miżjud, kemm jekk jinkludu zokkor miżjud u kif ukoll jekk le jew materja oħra ta' ħlewwa, u kif definit taħt l-intestatura NM 2008 li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċijiet NM 2008 30 55, 2008 30 75 u ex 2008 30 90 (il-kodiċi TARIC 2008 30 90 61, 2008 30 90 63, 2008 30 90 65, 2008 30 90 67, 2008 30 90 69) li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina. Ir-reġistrazzjoni għandha tiskadi disa' xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

2. Il-partijiet interessati kollha huma mistiedna jippreżentaw il-fehmiet tagħhom bil-miktub, jipprovdu evidenza ta' sostenn jew jitolbu li jinstemgħu fi żmien 20 jum mid-data ta' pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 178, 5.7.2008, p. 35 (premessa 131)

([2]) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Ġunju 2012.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO